MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 18/2005/1

**Godfrey Ellul**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Godfrey Ellulipprezentat fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrent, wara illi ippremetta illi hu nghata sentenza definitiva mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta’ Marzu, 2005, li rriformat sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali; illi huwa kien

appella fuq li (a) kien instab hazin (*sic*) fuq il-fatti u (b) li kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni hazin tal-ligi; illi waqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali stabbiliet li kien hemm numru ta’ kazi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi, fl-ebda wiehed minnhom ma ddikjarat li dawn kienu influwenti fuq il-verdett; illi wiehed mill-ilmenti li ntlaqa’ mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien fuq bran tal-indirizz li kellu x’jaqsam mal-piz tal-prova u l-kwalità tal-prova; illi dan kien japplika ghat-tlett kapi tal-akkuza; illi stabbiliti l-kazi fejn kien hemm applikazzjoni jew interpretazzjoni hazina tal-ligi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex tezamina fi kliemha stess ‘Kif gie osservat, però, f’dan il-kaz kien hemm xi nuqqasijiet fl-indirizz, u ghalhekk din il-Qorti hi msejha biex tara jekk, minkejja dawn l-irregolaritajiet, saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u biex taghmel hekk trid necessarjament terga’ taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b’mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t(-)traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti, u hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru’; illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ghamlitx konkluzjoni li xorta wahda ma kienx hemm amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, f’liema kaz kieku dan l-aggravju kellu jigi respint; illi stabbilit mela li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi, fl-istess waqt ma kienx hemm pronunzjament li xorta wahda ma saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, fit-termini tal-*proviso* tal-Artikoli 501(1)(b) tal-Kodici Kriminali; illi necessarjament ghal dan l-iskop ta’ (*sic*) kellu jsir ezami tal-provi fuq dak li kellhom il-gurati, u l-Qorti tal-Appell Kriminali effettivament biddlet il-konkluzjonijiet u s-sentenza; illi dan kien l-effett tal-appell fuq *points of law*; illi fuq tali punti legali l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun qorti ta’ kassazzjoni jew ‘*review*’ u marbuta li toqghod fil-parametri ta’ l-istess imbaghad inaqqas ir-riskji ta’ liberazzjonijiet fuq teknikalità poter ta’ cahda ta’ l-appell jekk ma kienx hewmm (fil-passat u q l-ewwel Qorti) amministrazzjoni hazina tal-ligi; illi però kien jonqos li - indipendentement mill-verdett tal-gurati u l-provi li kellhom quddiemhom - il-Qorti tezamina l-provi hi ‘*ab ovo*’; illi dan kien appell fuq il-fatti (*on points of fact*) u dan skond l-ewwel ipotesi tal-artiklu 501(1) Kodici Kriminali; illi l-Qorti

tal-Appell Kriminali rribadiet il-posizzjoni li zviluppat wara snin, fejn l-appell fuq il-htija giet (*recte*: gie) ridott ghal *review* f'kollox u mhux appell; illi fi kliem l-istess Qorti 'Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezjoni u konkluzjoni'; illi dan huwa korrett meta wiehed jigi biex jezamina taht il-*proviso* tal-paragrafu (b) tal-Artiklu 501(1) tal-kodici kriminali imma ma jistax jinghad li hu l-istess kriterju taht il-paragrafu (a) tal-istess; illi hemm inghata d-dritt tal-appell fil-meritu u fuq il-fatti, indipendenti minn dak li tkun iddecidiet l-ewwel Qorti, kemm jekk bil-gurati u kemm jekk b'Imhallef wahdu; illi din kienet il-posizzjoni li inghatat, per ezempju mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-President Sir Anthony Mamo fl-appell ta' Azzopardi, Chircop u ohrajn, dwar serqa mid-*dockyard*; illi l-ligi taghna titkellem fuq 'appell' u mhux '*review*' f'din il-parti tal-ligi; illi r-*review* jidhol fil-poteri li ghandu l-Prim Ministru fl-istess titlu; illi taht il-paragrafu (a) imsemmi ma hemm l-ebda riferenza fil-ligi ghall-verdett, u ghalhekk tibqa' tezisti l-presunzjoni tal-innocenza, u daqslikieku l-verdett ma jezistix; illi dan johrog ukoll car mill-artikolu 506 fejn il-Qorti tal-Appell tista' *ex officio* tghajjat xhieda li ma nstemghux; illi imma kif gie ristrett l-ambitu tal-appell fil-mertu f'dan il-kaz, anke jekk imsejjes fuq gurisprudenza, gie li pogga fuq pedestall tal-korrettezza tal-htija liema pedestall kien ghall-presunzjoni tal-innocenza u ghall-htiega li tigi ppruvata l-htija; illi b'dan il-mod u b'din l-interpretazzjoni hemm il-presunzjoni li l-verdett u s-sentenza, li naturalment tkun ta'

htija u kundanna, hija gusta u timmerita konferma li l-appellant hu hati, hlief biss jekk jigi muri li tali htija kienet irragjonevoli u mhux skond il-ligi. Dan imur kontra l-presunzjoni tal-innocenza f'dan l-istadju; illi huwa risaput li l-akkuzat la ghandu dritt ta' appell, jibqaghlu l-istess garanziji ta' presunzjoni tal-innocenza skond il-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39 u fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem fl-Artiklu 6(2); illi ghalkemm l-istati skond l-artiklu 6 m'ghandhomx obbligu li jaghmlu qrati tal-appell, imma la jaghmluhom l-istess garanziji jridu japplikaw daqs quddiem qrati ta' prim'istanza; illi fost dawn is-sentenzi hemm *Delcourt v Belgium*, *Khalfaoui v France, Papon v France*; illi dritt ta' appell fil-meritu mhux l-istess bhal *review* ta' jekk il-gurati, jew l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom; illi kif jirrizulta ampjament f'dan il-kaz, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet fuq it-tieni u t-tielet kap ta' l-akkuza, ghaliex il-gurati emmnu lil Philip Magri fit-tieni stqarrija li ghamel u x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti Kriminali; illi l-punt krucjali kien li Philip Magri kien inkonsistenti u kontradittorju bejn l-ewwel stqarrija u t-tieni stqarrija; illi bl-interpretazzjoni tar-regola mhux miktuba fil-ligi 'li l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jaslu ghal dik il-konkluzjoni' tfisser li biex jirnexxu (*recte*: jirnexxi) appell fuq il-meritu ma jrid ikun hemm provi xejn bhal ma kien fuq l-ewwel kap ta' l-akkuza f'dan il-kaz; illi altrimenti, gurati anke indirizzati hazin, u stabbilit li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi, xorta jibqghu ragjonevolment u legalment korretti? Illi l-ezami tal-prova jirriduci ruhu jekk il-gurati setghux isibu htija, u mhux jekk kienx hemm htija; illi dan kien esercizzju taht il-paragrafu (b) imma l-ezami tal-ilment taht il-paragrafu (a) ma sarx; illi dan jidher specjalment ghaliex bl-ebda mod l-anqas darba ma tissemma' l-ewwel stqarrija ta' Philip Magri; illi l-Kap 319 gie emendat fis-sens li issa japplika il-Protokol Numru 7 ghall-Malta, u dan jaghti d-dritt tal-appell f'kawzi kriminali, skond il-ligi; illi l-istess protokol jaghmel distinzjoni bejn *review* u appell, u jaghmilha cara li l-ezercizzju tad-dritt ikun regolat mill-ligi; illi r-regoli japplikaw kemm ghal min

jappella u kemm ghal qrati li jisimghu l-appell; illi skond il-ligi taghna hemm dritt ta' appell, u dan johrog car mill-kliem tal-ligi fejn hemm appell fil-mertu, indipendenti minn dak li setghu jew ma setghux ragjonevolment u legalment jaslu ghalih il-gurati (jew fil-kaz analogu l-Qorti wehidha u l-Magistrati fl-appelli inferjuri); illi mhux legali u lanqas logiku li jkun hemm appell u jinghad li l-gurati kienu f'sitwazzjoni ahjar li jiznu x-xhieda ghaliex semghuhom *viva voce*, ghaliex kieku l-ligi riedet taghti biss *review*, kienet tghidu, u dan specjalment fil-qasam tal-ligi kriminali u l-procedura kriminali; illi la hu moghti appell fil-mertu (u dan minghajr ebda riferenza ghar-ragjonevolezza u legalità ta' l-ewwel decizjoni), hemm id-dritt u d-dmir li r-rikorrenti jkollu ezami fil-mertu, fejn certament kellha tidhol u tigi ezaminata l-ewwel stqarrija ta' Philip Magri, guramentata wkoll, il-konsistenza taghha, jekk ghandhiex mis-sewwa, jekk hix korroborata, sahansitra mir-rikorrenti stess; kellu jkun hemm indagni ghala nbidlet u giet konfermata bil-gurament it-tieni?; ghala Magri jghid li l-flus tieghu umbaghad mhux tieghu; ghala kien indikat minn terza persuna bhala li f'okkazjonijiet tah l-istess Magri; illi dan indipendentement minn indirizz tajjeb jew hazin tal-Qorti Kriminali; illi ta' min jirrileva li l-ligi Ingliza nbidlet u llum l-unika raguni ghala verdett jinqaleb huwa li l-Qorti tal-Appell tkun tal-fehma li l-verdett mhux *safe*; illi dan hu *review*; illi fil-kaz taghna ghandna appell; illi l-appell fil-mertu ma jistax, kif gara f'dan il-kaz, jigi ristrett ghal *review*; illi sa l-appell il-principju kellu jkun tal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, u mhux il-presunzjoni tar-ragjonevolezza u legalità tal-verdett; illi altrimenti l-Qorti tal-Appell Kriminali titlaq mhux bhala *tabula rasa*, imma bi prekoncett li l-appellant li jrid jipprova li kienu marru zmerc il-gurati, ghaliex difficli jekk mhux impossibbli li taqleb dak li ddecidew specjalment la ma jaghtux ragunijiet ghala ddecidew; illi dan igib ksur tal-Artiklu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea fi stadju tal-appell kriminali, ghaliex tieqaf il-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat mal-verdett; illi f'dawn il-proceduri kien hemm ksur iehor tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan rigwardanti d-dritt tas-silenzju; illi l-Qorti Kriminali kienet qalet sostanzjalment li kieku r-rikorrenti ta l-verzjoni malli gie mistoqsi mill-ispettur Ciappara, u mhux stenna sal-

guri, kien jiffranka hafna nkwiet ghalih u ghal kulhadd; illi imma la darba ma qalhiex fil-bidu il-gurati kellhom dritt jezaminaw ghala ma qalhiex fil-bidu, u jekk jaghti spjegazzjoni, jemmnuhx jew le; illi dan il-bran pjuttost twil gab spjegazzjoni u approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod li l-akkuzat ghandu obbligu prattikament li jarmi d-dritt tas-silenzju; jekk jesercita jista' xi hadd jistaqsi ghala uza dak id-dritt?; illi jekk umbaghad jaghti spjegazzjoni, allura wiehed jista' jidhol jemmnux jew ma jemmnux; illi imma kienet legittima meta jkun mistoqsi ghala ma wegibx meta fil-kaz presenti kellu *caution* ta' Spettur u twissija minn Magistrat?; illi l-mistoqsija fiha nnfisha timplika li d-dritt tas-silenzju huwa relattiv, u l-piz tal-innocenza jaqa' fuq dahar l-indagat; illi din il-posizzjoni tivvjola l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni, li l-htija trid tigi ppruvata u dan mhux billi mod jew iehor jaqa' fuq l-indagat l-oneru li jeskolpa ruhu; illi fuq kollox, u hawn hazin li wiehed jikkwota minn kotba Inglizi meta l-ligi taghhom inbidlet, bhala meta nikkwotaw mit-taljani meta t-test taghhom huwa differenti, ghalkemm simili; illi illum il-*caution* ingliza tfisser li jekk xi haga ma tinghadx tista' tippregudika d-difiza ta' persuna; illi fil-ligi taghna d-dritt tas-silenzju mhux mittiefes; illi jekk xi hadd ghandu dritt ma jwegibx, hazin li tigbed xi inferenza jew tistenna minghandu jghid ghala dakinhar ma wegibx; illi dan specjalment meta l-indagat ma jkunx assistit minn Avukat; illi biex jigi evitat tul bla bzonn, qed issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet *Condron v United Kingdom* tat-2 ta' Awissu, 2000, fejn kien kaz ta' pussess aggravat tad-droga wkoll; talab illi dik l-Qorti joghgobha tiddikjara li: (1) fil-proceduri kriminali kontra tieghu mitmuma fis-17 ta' Marzu, 2005, mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien hemm fil-konfront tieghu vjolazzjonijiet tal-Artiklu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem, f'dak li jirrigwarda l-presunzjoni tal-innocenza, il-*fairness* tal-procedura minhabba d-dritt tas-silenzju, u vjolazzjoni tal-Artiklu 2 tal-Protokoll Numru 7, ghaliex waqt li hemm Qorti tal-Appell, u bi dritt tal-appell mill-mertu, fil-fatt il-konsiderazzjoni taghha giet fil-kaz prezenti ridotta ghal *review* jekk l-ewwel qorti kenitx ragjonevoli u legali; (2) taghti r-rimedji opportuni u li ssib xierqa ghall-kaz, inkluz rimedju effettiv bit-thassir tal-parti

kundannatorja tas-sentenza tas-17 ta' Marzu, 2005; (3) tillikwida kumpens u hlas ta' l-istess lir-rikorrent ghall-vjolazzjonijiet lamentati;

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi permezz taghha issottometta:

Illi dana huwa t-tieni rikors li r-rikorrent intavola kontra tieghu quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali (*sic*) wara d-decizjoni finali mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet *Republika ta' Malta vs. Godfrey Ellul*, deciza fis-17 ta' Marzu, 2005;

Illi fir-rikors odjern, ir-rikorrent jallega illi waqt il-proceduri kriminali quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali gew lezi d-drittijiet fondamentali kif protetti taht l-artikou 6(1) u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 2 tal-Protokol Numru 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

Ebda ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

1. Illi in kwantu ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa jeccepixxi l-inapplikabilità tieghu ghal kaz odjern stante illi d-dritt ghas-silenzju bl-ebda mod ma gie vvjolat;

Id-dritt ghas-silenzju li r-rikorrent jaghmel referenza ghalih huwa d-dritt li l-intimat (*sic*) ghandu meta jigi interrogat mill-Pulizija;

Illi huwa minnu li d-dritt ta' *fair hearing* f'kawzi kriminali jinkludi ukoll id-dritt li persuna ma tinkriminax ruhha, u l-Qorti Ewropea kellha opportunità illi tistharreg dan id-dritt f'diversi istanzi, izda bir-rispett kollhu, l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea ghal x'iwassal ghal ksur ta' dan id-dritt huwa ferm differenti minn dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti fil-kaz odjern;

Per ezempju kemm fil-kaz ta' *Funke vs. France*, kif ukoll ta' *Saunders vs. UK*, il-Qorti Ewropeja fiz-zewg kazijiet iddikjarat illi l-agir ta' l-istat versu l-applikant ma kienx wiehed gust. Fil-kaz ta' *Funke*, l-Istat Franciz ipprova jgie(ghe)l lill-akkuzat jipproduci dokumenti inkriminanti, filwaqt illi fil-kaz ta' *Saunders* gie deciz illi ligi Ingliza li kienet tezigi illi akkuzat waqt investigazzjoni jwiegeb ghal doman(d)i altrimenti jista jigi kkundannat sahansittra ghal prigunerija, kienet ligi eccessiva;

Fil-kaz odjern, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tas-17 ta' Marzu, 2005 ezaminat bir-reqqa l-ilment mressaq mir-rikorrent a rigward kummenti mghoddija mill-Ewwel Qorti li fl-opinjoni tar-rikorrent taw lok biex jigu lezi d-dritt (*sic*) moghti lilu mill-ligi ghas-silenzju;

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'punti qosra u precizi elenkat l-punti legali relatati mad-dritt ghas-silenzju billi ddistingwiet bejn l-obbligi li ghandhom il-gurati biex jistharrgu r-ragunijiet moghtija mill-akkuzat dwar il-ghaliex huwa baqa' sieket, u d-dritt li akkuzat ghandu biex ma jinkriminax ruhu. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ezaminat ukoll l-indirizz ta' l-Imhallef f'dan ir-rigward u kkonkludiet illi kuntlarju (*sic*) ghal dak allegat mir-rikorrent, l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma kienet qed tiddisgwida lill-gurati, u ghaldaqstant ma nkiser ebda dritt protett mill-ligi;

Finalment ghal skop ta' kjarezza, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrent lejn l-ahhar tal-paragrafu 11 tar-rikors odjern, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghalkemm ghamlet referenza ghal ligi Ingliza, kienet preciza ukoll billi stqarret illi certu cirkostanzi minnha msemmija ma kienux japplikaw ghal kaz odjern izda semmiethom biss ghal skop ta' kompletezza. Referenza ssir ghat-tieni paragrafu tas-sentenza tas-17 ta' Marzu, 2005 fol. 21;

2. Illi in kwantu ghas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ghal darb'ohra huwa jeccepixxi l-inapplikabilità tieghu ghal kaz odjern stante illi d-dritt ghal prezunzjoni ta' l-innocenza bl-ebda mod ma gie vvjolat;

Ir-rikorrent jallega illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kapacità taghha ta’ Qorti ta’ l-Appell, kellha l-obbligi illi tezamina l-mertu tal-kaz bil-konsegwenza illi kellha tezamina il-provi hi ‘*ab novo*’, u mhux toqghod fuq dak già prodott fil-process. Ir-rikorrent jallega illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali bl-agir taghha giet illi qieset lill-akkuzat bhala hati u ghamlet semplicement revizjoni tal-fatti u mhux telqet mill-principju illi persuna inkriminata hija innocenti sakemm ippruvat kuntrar(j)u;

Illi bir-rispett kollhu, il-kodici kriminali taht l-Artikolu 506 (ikkwotat ukoll mir-rikorrent) jaghti diskrezzjoni lill-Qorti ta’ l-Appell dwar jekk tismax xhieda godda li ma jkunux inste(m)ghu qabel, tismax xhud mill-gdid, tezaminax dokumenti *etc*. kemm il-barba fl-opinjoni ta’ l-istess Qorti ‘*it thinks it necessary or expedient in the interest of justice*’;

Il-fatt li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma ddisturbatx l-apprezzament tal-provi già migbura u mismugha mill-Ewwel Qorti izda ghamlet evalwazzjoni tal-provi hi, ma jfissirx illi hija naqset fl-agir taghha versu r-rikorrent billi injorat il-principju kardinali tal-prezunzjoni tal-innocenza;

Il-Qorti Ewropea filwaqt li thaddan il-principju ta’ l-innocenza ta’ l-akkuzat billi tat diversi interpretazzjonijiet relatat(i) ma’ dan il-principju fosthom l-fatt illi hija l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-prova, u illi l-akkuzat ghandu dritt iressaq id-difiza tieghu; illi stqarrija maghmula taht forza hija wahda arbitra (*sic*) u nullu (*sic*), *etc* f’dak illi ghandu x’jaqsam mal-proceduri adott(at)i mill-Qrati specjalment a rigward is-smigh ta’ xhieda, thalliha fid-diskrezzjoni ta’ l-istat;

Ebda ksur ta’ l-Artikolu 2 tal-Protokol Nru. 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Filwaqt illi l-Artikolu 2 tal-Protokol Nru 7 jikkumplimenta l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-artikolu jaghti lill-applikant id-dritt ghal appell fejn il-htija jew sentenza già moghtija tigi mistharrga;

Fi kliem O'Boyle

'*Whereas Article 6 has been interpreted as controlling any right of appeal in criminal cases that a state in its discretion may provide under its law, it does not require that there is such a right. Art. 2 of the 7th Protocol now does this for the parties to it*';

Illi d-dritt moghti mill-Konvenzjoni u l-Protokol anness lir-rikorrent li jidher quddiem Qorti, fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma gie michud, kemm il-darba dik il-Qorti tkun Qorti indipendenti u imparzjali u tagixxi fl-isfond tal-kriterji li johorgu mill-artikolu 6 fuq citat;

Illi marbut ma dak li digà intqal aktar il-fuq fil-konfront tas-subartikolu 2 tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-agir tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien wiehed legittimu, u ma ta lok ghal ebda ksur taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, huwa talab bir-rispett illi dik l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat is-sentenza tas-sittax (16) ta' Mejju, 2006 illi peremzz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrent u iddikjarat illi fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent mitmuma fis-sbatax (17) ta' Marzu, 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienx hemm vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"Illi dak li qieghed jintalab mir-rikorrent f'din il-kawza odjerna huwa li fil-proceduri kriminali kontra tieghu mitmuma fis-17 ta' Marzu, 2005, mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien hemm fil-konfront tieghu:

(1) vjolazzjonijiet tal-Artiklu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem, f'dak li jirrigwarda l-presunzjoni tal-innocenza'

(2) il-*fairness* tal-procedura minhabba d-dritt tas-silenzju,

(3) u vjolazzjoni tal-artikolu 2 tal-Protokol Numru 7, ghaliex waqt li hemm Qorti tal-Appell, u bid-dritt tal-appell mill-mertu, fil-fatt il-konsiderazzjoni taghha kienet giet fil-kaz prezenti ridotta ghal *review* jekk l-ewwel qorti kenitx ragjonevoli u legali.

"Illi l-intimat min-naha tieghu qal illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali.

"**1. Vjolazzjoni Tal-Artikolu 2 Tal-Protokol Numru 7**

"Dwar it-tielet punt hawn fuq indikat u cioè li kien hemm ksur u vjolazzjoni tal-artikolu 2 tal-Protokol Numru 7, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid ir-rikorrent fir-rikors tieghu u cioè ll l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha 'tezamina l-provi *ab novo*'. Ikompli jghid ir-rikorrenti illi:

'Dan kien appell fuq il-fatti (*on points of fact*) u dan skond l-ewwel ipotesi tal-artiklu 501(1) Kodici Kriminali; illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rribadiet il-posizzjoni li zviluppat wara snin, fejn l-appell fuq il-htija giet (*recte*: gie) ridott ghal *review* f'kollox u mhux appell; illi fi kliem l-istess Qorti 'Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni'.

“Ikompli r-rikorrenti jghid illi:

‘dan huwa korrett meta wiehed jigi biex jezamina taht il-*proviso* tal-paragrafu (b) tal-artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali. Imma ma jistax jinghad li hu l-istess kriterju taht il-paragrafu (a) tal-istess’.

“Izid jghid illi:

‘hemm inghata d-dritt tal-appell fil-meritu u fuq il-fatti, indipendenti minn dak li tkun iddecidiet l-ewwel Qorti, kemm jekk bil-gurati u kemm jekk b’imhallef wahdu’.

“In sostenn ta’ dan l-argument imressaq minnu r-rikorrenti jiccita s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali nhar is-17 ta’ Mejju, 1971 fl-ismijiet *Il-Maestà Taghha r-Regina vs Edgar Bartolo et*. Ghalhekk jghid ir-rikorrenti:

‘il-ligi taghna titkellem fuq ‘appell’ u mhux ‘*review*’ f’din il-parti tal-ligi’ u ‘taht il-paragrafu (a) imsemmi ma hemm l-ebda riferenza fil-ligi ghall-verdett, u ghalhekk tibqa’ tezisti l-presunzjoni tal-innocenza, u daqs li kieku l-verdett ma jezistix. Dan johrog ukoll car mill-artikolu 506 fejn il-Qorti tal-Appell tista’ *ex officio* tghajjat xhieda li ma nstemghux. Imma kif gie ristrett l-ambitu tal-appell fil-mertu f’dan il-kaz, anke jekk imsejjes fuq gurisprudenza, gie li pogga fuq pedestall tal-korrettezza tal-htija liema pedestall kien ghall-presunzjoni tal-innocenza u ghall-htiega li tigi ppruvata l-htija’.

“Illi s-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 501 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid testwalment illi:

(4) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta’ htija mill-persuna misjuba hatja l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghandha tilqa’ l-appell -

(a) jekk jidrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; jew

(b) jekk jidrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett:

Izda l-qorti tista’, minkejja li tkun tal-fehma li l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) jista’ jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

“U l-Artikolu 506 tal-Kapitolu 9 jghid illi:

Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tista’, jekk jidrilha mehtiega jew espedjenti fl-interess tal-gustizzja -

(a) tordna l-produzzjoni ta’ kull dokument, esibit jew oggett iehor li ghandhom x’jaqsmu mal-kawza, li l-produzzjoni taghhom jidrilha li huma mehtiega ghad-decizjoni tal-kawza; u

(b) jekk jidrilha xieraq tordna lil kull xhieda li setghu jigu obbligati jixhdu fil-kawza biex jidhru ghall-ezami u jigu ezaminati quddiem il-qorti, sew jekk kienu msejha fil-kawza sew jekk le, jew tordna li l-ezami ta’ kull xhieda bhal dawk jsir b’xi mod provdut mil-ligi; u

(c) jekk jidrilha xieraq taccetta x-xhieda, jekk offerta, ta’ kull xhud (inkluz l-appellant) li jkun xhud kompetenti izda li ma setax jigi obbligat jixhed fil-kawza, u, jekk l-appellant jaghmel rikors ghalhekk, tar-ragel jew tal-mara tal-appellant, f’kazijiet meta x-xhieda tar-ragel jew tal-mara ma setghetx tinghata fil-kawza hlief wara dak ir-rikors, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 635.

“Illi l-Artikolu 2 tal-Protokoll numru 7 jistipula illi:

(1) Kull min jinsab hati ta’ reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta’ htija jew dik is-sentenza jigu rivisti minn tribunal oghla. L-esercizzju ta’ dan id-dritt, inkluzi r-ragunijiet abbazi ta’ dak l-esercizzju, ghandhom ikunu regolati bil-ligi u

(2) Dan id-dritt jista’ jkun suggett ghal eccezzjonijiet dwar reati ta’ xorta mhux kontravvenzjonali, skond ma jkunu preskritti bil-ligi, jew f’kazijiet li fihom il-persuna involuta tkun giet ipprocessata fl-ewwel istanza mill-oghla tribunal jew tkun insabet hatja wara appell kontra l-liberazzjoni.

“Illi dan l-ilment tar-rikorrenti jirrizulta infondat. Ir-rikorrent ressaq appell mid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Ottubru, 2002. Ir-rikorrenti kellu kull dritt li jressaq l-appell tieghu u li jigi ezaminat minn ‘tribunal oghla’ - f’dan il-kaz il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. L-istess Kodici Kriminali imbaghad jghaddi biex jelenka serje ta’ artikoli li bihom jirregola dawn il-proceduri fi stadju ta’ appell. Issa r-rikorrenti jghid - fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu illi:

‘l-artikolu 2 tas-7 Protokoll jaghti dritt ta’ appell jew *review*. Jekk hemm appell fil-ligi, dan m’ghandux u qatt ma kellu jigi ristrett f’kull ipotesi ghall-*review*. Hemm pajjizi fejn ghandhom appell umbaghad *review* li hu l-kassazzjoni. Imma fl-appell jinvestu l-mertu. L-ezami jekk il-gurati legalment u ragjonevolment setghux waslu ghal dak il-verdett huwa biss *review*, u ghalhekk tnaqqis mid-dritt tal-appell fil-mertu. Irid ikollhom difett legali, u din hi kundizzjoni mizjuda u mhux tohrog mil-ligi’.

“Illi f’dan il-kaz, dawn l-ilmenti tar-rikorrenti, kif digà inghad, ma jistghux jissussi[s]tu. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tas-17 ta’ Marzu, 2005 u senjatament f’pagna tmienja u ghoxrin (28) taht l-intestatura ‘C. <u>Allegat sejbien ta’ htija hazin fuq il-fatti</u>’ qalet fost ohrajn illi:

‘kif gie osservat, però, f’dan il-kaz kien hemm xi nuqqasijiet fl-indirizz, u ghalhekk din il-Qorti hi msejha biex tara jekk, minkejja dawn l-irregolaritajiet, saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u biex taghmel hekk trid necessarjament terga’ taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b’mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, u hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru’.

“Issa ghalkemm forsi l-lokuzzjoni tal-kliem adoperati mhux wiehed felici, l-ghaliex ghaq[q]det il-kliem riportati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 501 tal-Kap 9, din il-Qorti rat illi minkejja dan il-fatt, l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali ezaminat *de novo* x-xhieda kollha, inkluz id-dokumenti migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. L-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali qalet ukoll illi ‘din il-Qorti xorta trid tezamina jekk il-provi necessarjament iwasslux ghar-reità ta’ l-appellant fir-rigward tat-tliet kapi kif iddecidew il-gurati’. Di fatti, tant ezaminat dawn ix-xhieda u dokumenti li l-istess Qorti laqghet l-ilment tar-rikorrenti u hassret il-htija misjuba mill-gurati dwar l-ewwel kap ta’ akkuza. Fir-rigward tal-kapi l-ohra ta’ l-akkuza, l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ezaminat il-provi u wara li waslet ghal konkluzjoni taghha li kien hemm htija da parti tar-rikorrenti taht il-kapi tnejn u tlieta ta’ l-att ta’ akkuza, stqarret illi:

‘nonostante n-nuqqasijiet fl-indirizz fuq riskontrati, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien biss vittma tac-cirkostanzi; u ghalhekk din il-Qorti, wara li regghet evalwat il-provi, hi tal-fehma li fir-rigward ta’ dan it-tieni kap ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) tal-Kap 9)’.

“B’dan il-fatt u cioè li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali stqarret li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha ma jnaqqas xejn mill-evalwazzjoni li l-istess Qorti ghamlet tal-fatti u dan kif digà inghad. Illi l-istess rikorrenti jghid illi quddiem il-Qorti ta’ l-Appell ma hemmx il-presunzjoni ta’ l-innocenza u ghalhekk meta persuna li tkun kundannata tmur quddiemha sabiex il-kaz taghha jerga’ jigi valutat, hija tkun qeghda fi zvantagg. Dan l-argument tant ma jreggix fil-kaz odjern illi l-istess rikorrent, intlaqalu wiehed mill-aggravji tieghu u s-sentenza appellata giet riformata. Li kieku dak li qieghed isostni r-rikorrent huwa minnu, allura zgur li l-Qorti ta’ l-Appell ma kenitx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet dan l-ilment tar-rikorrenti qieghed jigi michud.

"Jifdal x'jigu decizi l-ewwel zewg ilmenti u cioè li kien hemm ksur ta' l-Artiklu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem, f'dak li jirrigwarda l-presunzjoni tal-innocenza, u li l-procedura ma kienitx wahda '*fair*' minhabba dan il-fatt.

"**2. Il-Presunzjoni Tal-Innocenza, U Li L-Procedura Ma Kienitx Wahda '*Fair*' Minhabba Dan Il-Fatt**

"Jibda biex jinghad illi d-dritt tas-silenzju, kif inhu sal-lum salvagwardat fil-ligi huwa wiehed assolut u hadd ma jista' jigi mgieghel jinkrimina lilu innifsu. Apparti minn hekk, jekk dak li jkun jipprevalixxi ruhu minn dan id-dritt tas-silenzju, ma jistax imbaghad, jekk jittiehdu xi proceduri kontrih, jintuza kontrih.

"Illi din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u ma tarax li kien hemm ksur ta' dan id-dritt. Din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjonijiet inutili qeghda taqbel u taghmel taghha l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar id-dritt ta' silenzju (ara pagni 19 sa 21 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell). Illi anke minn dak li inghad mill-Onorevoli Imhallef sedenti l-Qorti Kriminali wkoll ma jirrizultax li qal xi haga li b'xi mod setghet ippregudikat lir-rikorrenti odjern meta huwa indirizza lill-gurati. Anzi l-Qorti Kriminali kienet kawta hafna u spjegat b'mod dettaljat hafna l-kuncett tal-presunzjoni ta' l-innocenza u kif dan id-dritt huwa wiehed sagrosant ghall-akkuzat. Illi ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas ta' '*fairness*' kif jallega r-rikorrenti.

"Illi ghalhekk anke dan l-ilment qieghed jigi michud."

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi, minflok jigu milqugha t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza appellata tigi

konfermata u illi t-talbiet tar-rikorrent appellanti jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-penultimu paragrafu tar-rikors ta' appell l-appellant jghid hekk (fol. 62):

"L-esponenti qed izzomm [*recte*: izomm] fil-qasir dan l-appell, peress li l-argumenti huma sostanzjalment l-istess bhal dawk fir-rikors promotorju, u l-lamenteli hemm maghmula jghoddu ghal dan l-appell";

Dina l-Qorti, ghalkemm ezaminat sewwa ir-rikors ta' appell, ma irnexxielha issib fl-istess rikors ebda aggravju <u>kontra s-sentenza appellata</u>. Imkien f'dan ir-rikors ma jinghad illi xi wahda jew izjed minn dawk illi fis-silta appena citata mill-istess rikors jissejhu "lamenteli" ma gewx konsidrati fis-sentenza appellata. Anqas ma jinghad fir-rikors ta' appell fejn u kif l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konsiderazzjonijiet taghha ta' u fid-decizjoni taghha dwar l-imsemmija lamenteli. Din l-osservazzjoni tghodd ukoll ghal dak illi inghad mid-difensur ta' l-appellant waqt is-sottomissjonijiet orali illi ghamel waqt l-udjenza mizmuma minn dina l-Qorti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2006 (fol. 75 sa 81). Dan premess, la darba il-kompitu ta' dina l-Qorti huwa illi tezamina l-aggravju jew l-aggravji ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata u la darba, kif già inghad, <u>fir-rikors ta' appell ma gie avanzat ebda aggravju kontra s-sentenza appellata</u>, dina l-Qorti tista' tieqaf hawn u tiddikjara illi t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata ma tistax tintlaqa';

Huwa xieraq, però, illi jinghad illi dina l-Qorti ezaminat sewwa s-sentenza appellata fid-dawl ta' l-atti processwali, kif kienu meta giet ippronunzjata l-istess sentenza kif ukoll fid-dawl ta' dak illi jinghad fis-sentenza - esibita mill-appellant fuq ordni taghha moghti waqt l-udjenza tal-

hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2006 - ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-sbatax (17) ta' Marzu, 2005 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Republika ta' Malta v. Godfrey Ellul*, u, mhux biss ma issib xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata, talli tiddikjara illi taqbel mal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti maghmula fl-istess sentenza illi wassluha sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent appellant. F'dan ir-rigward, tajjeb illi, kwantu ghall-konsiderazzjonijiet dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt garantit bl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea (il-prezunzjoni ta' l-innocenza) u ta' l-artikolu 2 tal-Protokoll 7 li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea, issir riferenza specjali ghas-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 56 u 57):

"Illi f'dan il-kaz, dawn l-ilmenti tar-rikorrenti … ma jistghux jissussi[s]tu. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu, 2005 u senjatament f'pagna tmienja u ghoxrin (28) [*recte*: pagina tlieta u ghoxrin (23)] taht l-intestatura 'C. Allegat Sejbien ta' htija hazin fuq il-fatti' qalet fost ohrajn illi:

'kif gie osservat, però, <u>f'dan il-kaz</u> kien hemm xi nuqqasijiet fl-indirizz, u ghalhekk din il-Qorti hi msejha biex tara jekk, minkejja dawn l-irregolaritajiet, saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u biex taghmel hekk <u>trid necessarjament terga' taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha</u>. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, u hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru'.

"Issa ghalkemm forsi l-lokuzzjoni tal-kliem adoperati mhux wiehed felici, l-ghaliex ghaq[q]det il-kliem riportati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 501 tal-Kap 9, <u>din il-Qorti rat illi</u> minkejja dan il-fatt, <u>l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali ezaminat *de novo* x-xhieda kollha</u>, inkluz id-dokumenti migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. L-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet ukoll illi 'din il-Qorti xorta trid tezamina jekk il-provi necessarjament iwasslux ghar-reità ta' l-appellant fir-rigward tat-tliet kapi kif iddecidew il-gurati'. Di fatti<u>, tant ezaminat dawn ix-xhieda u dokumenti li l-istess Qorti laqghet l-ilment tar-rikorrenti u</u>

hassret il-htija misjuba mill-gurati dwar l-ewwel kap ta' akkuza. Fir-rigward tal-kapi l-ohra ta' l-akkuza, l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ezaminat il-provi u wara li waslet ghal konkluzjoni taghha li kien hemm htija da parti tar-rikorrenti taht il-kapi tnejn u tlieta ta' l-att ta' akkuza, stqarret illi:

'nonostante n-nuqqasijiet fl-indirizz fuq riskontrati, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien biss vittma tac-cirkostanzi; u ghalhekk din il-Qorti, wara li regghet evalwat il-provi, hi tal-fehma li fir-rigward ta' dan it-tieni kap ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) tal-Kap 9)'.

"B'dan il-fatt u cioè li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali stqarret li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha ma jnaqqas xejn mill-evalwazzjoni li l-istess Qorti ghamlet tal-fatti u dan kif digà inghad. Illi l-istess rikorrenti jghid illi quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma hemmx il-presunzjoni ta' l-innocenza u ghalhekk meta persuna li tkun kundannata tmur quddiemha sabiex il-kaz taghha jerga' jigi valutat, hija tkun qeghda fi zvantagg. Dan l-argument tant ma jreggix fil-kaz odjern illi l-istess rikorrent, intlaqalu wiehed mill-aggravji tieghu u s-sentenza appellata giet riformata. Li kieku dak li qieghed isostni r-rikorrent huwa minnu, allura zgur li l-Qorti ta' l-Appell ma kenitx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------